# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Ottubru 2001**

**Numru 51**

**Citaz. numru 357/89 DS**

Maria Lourdes Fenech

vs

Carmelo sive Charles Mejlaq

Illum, 15 ta' Ottubru 2001

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fit-30 ta' Marzu 1989 li permezz taghha l-attrici wara li ppremettiet:

Illi hija xtrat minghand il-konvenut zewg magni, intizi biex jahdmu flimkien, biex taghmel il-"potato crisps".

Illi meta hi giet biex thaddem dawn il-magni, sabet illi m'humiex tal-kwalita' pattwita, stante li t-tieni magna tqatta l-patata "chips" u mhux "crisps" u ghalhekk ma taghmilx "crisps" kif miftieghem.

Illi hija kienet lahqet hallset mitt lira Maltin akkont mill-prezz.

talbet lil din il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi, li:

1. tiddeciedi u tiddikjara li l-magni mibjugha lilha m'humiex tal-kwalita pattwita;

2. tiddikjara li dan il-kuntratt ta' bejgh huwa mahlul u konsegwentement,

3. tikkundanna lill-konvenut jirrifondilha mitt lira Maltija mhallsa akkont.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut, li jibqa' ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn qal:

1. Illi l-magni li xtrat l-attrici minghand l-eccipjent kienu tal-kwalita pattwita.

2. Illi ghalhekk ma hemm ebda raguni valida fil-ligi ghala l-kuntratt tal-bejgh ghandu jinhall.

3. Illi konsegwentement l-eccipjent mhux obbligat jirrifondi lill-attrici s-somma ta' mitt lira (Lm100) akkont tal-prezz.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra permess mill-ligi.

Rat il-kontro-talba tal-konvenut fejn, wara li ppremetta:

Illi l-esponent biegh lill-attrici "Peerless Potato Peeler" u "Kenwood Peerless Potato Slicer" biex bihom jigu prodotti "potato Chips" ghall-prezz ta' hames mitt lira (Lm500);

Illi mill-prezz miftiehem l-attrici hallset biss akkont ta' mitt lira (Lm100);

Illi ghalkemm l-attrici kienet interpellata thallas il-bilanc dovut tal-prezz fl-ammont ta' erba' mitt lira (Lm400), permezz ta' ittra ufficjali datata 23 ta' Frar 1989, din baqghet inadempjenti.

talab lil din il-Qorti li:

1. tikkundanna lill-attrici thallas lill-konvenut is-somma ta' erba' mitt lira (Lm400) minnha dovuta, bilanc tal-prezz ta' "Peerless Potato Peeler" u ta' "Kenwood Potato Slicer" lilha mibjugha u kkonsenjati.

Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 23 ta' Frar 1989, u bl-imghax legali mid-data tan-notifika ta' din l-ittra ufficjali kontra l-attrici rikonvenzjonata li hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ l-attrici ghall-kontro-talba tal-konvenut fejn qalet:

Illi xejn ma hu dovut lill-konvenut, minhabba l-invalidita’ tal-bejgh in kwestjoni.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet tat-12 ta’ Gunju 1989 fejn gie nominat l-Avukat Dottor Alex Perici Calascione bhala perit legali biex ifittex u jirrelata dwar it-talba jew it-talbiet attrici wara li jiehu konjizzjoni ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x’jaqsmu mal-kaz;

Rat id-digriet tat-12 ta’ Jannar 1995 fejn ghall-imsemmi perit legali gie sostitwit l-Avukat Dottor Peter Fenech;

Rat ir-relazzjoni debitament mahlufa fis-7 ta’ Novembru 2000;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza;

Ikkunsidrat illi:-

Din il-kawza qed issir ghar-rexissjoni ta’ bejgh minhabba allegazzjoni li l-oggett ma kienx tal-kwalita` pattwita, u dan a bazi ta’ l-artikolu 1390 tal-Kodici Civili li jipprovdi hekk:

> *“Jekk il-haga li l-bejjiegh igib biex jikkunsinna ma tkunx tal-kwalita` mwieghda, jew ma tkunx bhall-kampjun li fuqu l-bejgh*

*ikun sar, ix-xerrej jista' jaghzel jew li jirrifjuta l-haga u jitlob id-danni, jew li jircievi l-haga bi prezz anqas fuq stima ta' perit."*

In materja l-perit legali fir-relazzjoni tieghu jaghmel riferenza ghall-gurisprudenza taghna u jghid hekk:

"Jidher li t-tezi kostanti tal-gurisprudenza Maltija hija li l-azzjoni tista' tigi intavolata kemm bhala azzjoni kif ukoll bhala eccezzjoni. {vide Portelli vs Laferla Vol XXX.I. 751} Dan sakemm l-azzjoni tigi intavolata entro terminu ta' sentejn minn meta sar il-bejgh. Dan it-terminu gie konstatat li huwa terminu ta' dekadenza u mhux ta' preskrizzjoni u ghalhekk ma jistax jigi interrott u la darba jiskadi ma jistax jigi propost jew sottomess xejn abbazi ta' dan l-artikolu. {Artikolu 1407 Kap 16 }. {vide Emanuel Borg vs John Xuereb. Appell Harding/Herrera/ Agius 25.10.89.} Il-Qrati diversi drabi irritenew li r-ricettazzjoni ta' l-oggett u l-uzu tieghu mill-kumpratur allavolja jkun konsapevoli li mhux tal-kwalita pattwita jeskludi mbaghad il-possibilita li l-istess kompratur jaghzel li jitlob ir-rizoluzzjoni tal-bejgh. Fil-kawza Buttigieg vs Hirst {vol XXX.II.i.163} Il-Qorti kienet sostniet "ix-xerrej ghandu dritt jitlob ir-rizoluzzjoni tal-bejgh meta l-oggett ma jkunx konformi ghall-ftehim avolja jkun ircieva l-oggett sakemm ma jkunx tilef dan id-dritt bil-fatt tieghu stess". Fattur importanti iehor fid-determinazzjoni ta' jekk tissustix l-azzjoni jew le hija l-fatt jekk l-oggett intuzax mill-kumpratur u meta fil-fatt huwa lmenta mal-venditur. Fil-kawza Nicholas Borg vs Marco Farrugia nomine {28.10.92 Imhallef J.D. Camilleri.} il-Qorti ddecidiet bhala verosimili x-xhieda ta' l-attur li l-oggett ma kienx tal-kwalita pattwita mill-fatt li la darba l-kumpratur induna li l-oggett ma kienx kif miftieghem, huwa ma uzax l-istess oggett u mar minnufieh jilmenta dwar dan"

Issa fil-qosor il-fatti kienu dawn:

L-attrici kellha hanut *take-away* kif ukoll kienet tipproduci l-*crisps*. Certa Agata Tabone li kienet tixtri l-*crisps* minghand l-attrici u tbighhom lill-hwienet, saret taf li l-konvenut kellu xi magni ghall-bejgh. Ghalhekk qalet lill-attrici dwarhom u din marret ghand il-konvenut flimkien ma' certu George Fenech biex tarahom. Hija ftehmet mal-konvenut li tixtri dawn il-magni bil-prezz ta' Lm500, halset Lm100 akkont u hadet l-istess magni ghandha. Meta ppruvathom sabet li l-magna li hasbet li kienet taghmel il-*crisps* fil-fatt kienet taghmel ic-*chips*. Ghalhekk ikkuntattjat lill-konvenut li offra li jottjenilha l-*attachment* mehtieg biex tkun tista' taghmel il-*crisps*. Izda dan ma sehh qatt. Issa filwaqt li l-attrici ssostni li meta ftehmet mal-konvenut ghamlitha cara li riedet magna ghall-*crisps*, il-konvenut isostni li huwa ndikalha li, filwaqt li wahda mill-magni kienet *potato peeler*, l-ohra kienet ghac-*chips*.

Ix-xiehda tal-kontendenti hija decizivament djametrikament opposta ghal xulxin u ghalhekk, kif tajjeb ukoll josserva l-perit legali, ghandha tinghata importanza l-kredibilita` u verosimiljanza tal-fatti kif prezentati sabiex wiehed jista' jasal ghall-konkluzjoni. Huwa jaghmel dawn l-osservazzjonijiet:

"In-negozju mertu odjern, inbeda wara li Agata Tabone kienet infurmat lill-attrici dwar dawn il-magni li kienu ghal-bejgh.  Agata Tabone tikkonferma li lill-attrici hija nfurmata li dawn kienu magni li jaghmlu l-crisps.  Dan id-diskors kien dwar magni tal-crisps.  George Fenech kien ukoll prezenti ghad-diskors/negozju li sar meta nxtraw il-magni.  George Fenech jixhed li dak in-nhar magni tac-Chips qatt ma ssemmew.  Il-

konvenut dan jinnegah u jiddikjara bil-gurament tieghu li magni tal-Crisps qatt ma ssemmew.

L-attrici sa mill-bidu nett issostni li wara li ppruvat il-magni u ndunat li ma kienux magni tal-crisps ippruvat tikkommunika mal-konvenut sabiex tressaq l-ilment. Il-konvenut ma jinnegax li l-attrici kellmitu izda fuq haga ohra u li dan l-ilment, isostni l-konvenut, l-attrici ma tkellmet xejn fuqu. Dwar l-ilment kienu xehdu ukoll tlett xhieda ohra George Fenech, Maryrose Agius u Agata Tabone. Dawn kienu zewg impjegati ma' l-attrici. Dawn it-tlieta kienu kkonfermaw kemm fl-ezami kif ukoll fil-kontro-ezami, li mhux biss minnufieh semghu lill-attrici tilmenta izda ukoll li Agata Tabone kienet ressqet hija stess diversi ilmenti dwar il-fatt li l-merkanzija ma kienitx tal-kwalita pattwita lill-konvenut. *"Jiena sussegwentement wassalt risposta lill-konvenut minghand l-attrici biex imur jiehu l-magna lura ghaliex ma kienitx tajba ghaliha".* Il-konvenut jinnega li fil-fatt tressqu dawn l-ilmenti fil-bidu li sar il-bejgh. Bir-rispett kollu l-perit legali ma jistax jifhem ghaliex, jekk il-konvenut qed jghid il-verita, ghaliex dawn it-tlett xhieda, li tnejn minnhom zgur ma ghanhomx jahdmu ma l-attrici, {wahda telqet minn maghha fl-1989}, ma qalux il-verita.

Fatt iehor li ma giex kontradett huwa l-fatt li l-attrici ma wzatx il-magni hekk kif saret taf li ma kienux tajbin ghar-raguni li hi xtrat l-istess magni. Li dawn il-magni ma ntuzawx gie stabbilit bix-xhieda ta' persuni li lkoll ikkonfermaw dak dikjarat mill-attrici. Il-perit legali hawnhekk jixtieq jirrileva li da parte tal-konvenut hien hemm tentattiv sabiex dan jigi ribatturt. Fil-fatt fix-xhieda tal-konvenut jinghad li darba kienet marret ghandu certa Susan Galea li kienet iddikjarat li hija kienet taf li nxtraw il-magni minghandu li fil-fatt hija kienet il-hin kollu tahdem fuqhom.

*"Jiena staqsejtha kienitx tahdem ma l-attrici u ghidtilha bil-kwistjoni ta' bejnietna u din qaltli li hi kienet tahdem biss fuq iz-zewg magni li kont beghtilha jien."* Susan Galea ma ngabitx tixhed quddiem il-perit legali. Il-perit legali jhoss li dawn l-affermazzjonijiet mhux sostanzjati ma ghandhomx jinghataw l-ebda konsiderazzjoni u ghandhom jigu skartati. Din ma hiex mod kif tingieb prova jew difiza. Di piu Susan Galea lanqas biss kienet fuq il-lista tax-xhieda tal-konvenut, u l-perit legali jistaqsi ghaliex jekk kienet xhud hekk importanti. Fl-ahhar lok jigi sottolineat li skond dak dikjarat mill-avukat difensur ta' l-attrici, filwaqt li l-bejgh in kwistjoni sehh fl-1989, Susan Galea kienet hadmet ma l-attrici ghal ftit xhur fl-1987, cioe' sentejn qabel!

Element iehor importanti izda konfuza fix-xhieda, hija dik li nghatat dwar ix-xafra necessarja sabiex il-patata tigi maqtuha tali mod ghat-tisjir u produzzjoni tal-Crisps. L-attrici ddikjarat diversi drabi, l-ahhar darba recentement waqt l-access li kien inzamm, li jekk tinghata l-attachment nrecessarja u l-magna tkun tista' tipproduci l-Crisps, hija tkun sodisfatta. L-attrici tixhed li kienet sahansitra, fuq rikjesta tal-konvenut, anki marret tfittex din il-parti fi hwienet lokali. Wara dan tkompli tghid li l-konvenut kien wieghed li jgibha mill-Ingilterra. Il-konvenut jidher li mar l-Ingilterra biss mhux ghall-part skond hu, u fil-fatt il-part rilevanti ma ngabitx. Mix-xhieda ta' Agata Tabone jirrizulta li anki lilha l-konvenut kien qalilha li kellu l-attachment nieqsa u li kien ser jipprova jsiba u jaghtihilha. Ix-xhud tkompli tghid li darba minnhom kien anki kkonferma maghha li l-parts kienu waslu minn barra. Il-konvenut dwar l-ordni tal-blades li kien ghamel, fix-xhieda tieghu jghid: *"Meta fl-Ingilterra staqsejt ghall-blade hallejt mal-hanut ir-riferenza tal-magna u l-indirizz tieghi biex meta jsibuha jikkuntattjawni."* Biss il-konvenut in kontro-ezami jixhed *"fl-ebda stadju qabel jiena ma tajtha ebda*

*assikurazzjoni illi dina l-part ghall-crisps kont ser ingibielha zgur."* L-esitu ta' din l-ordni l-konvenut la xehed fuqha u lanqas kien mistoqsi fuqa in kontro-ezami. Waqt l-access li kien sar l-konvenut rega' sostna li kellu l-parts rikjesti biss dawn baqghu ma nghatawx lill-attrici. Kien iddikjara ghan-nom tal-konvenut l-avukat difensur tieghu, li l-parts ma kienux instabu.

Fix-xhieda tal-konvenut jinghad li huwa kien informa lill-attrici li dawn kienu tac-chips u li kellu persuna ohra li kellha restaurant, li riedet dawn il-magni. Il-perit legali jikkummenta li, jekk ix-xhieda li nghatat kienet veritjiera kien ikun aktar facli ghall-konvenut li jaccetta li jiehu l-magni lura, la darba l-ilment dwar il-magni rcevieh minnufieh, u jbieghom lil din it-terza persuna, milli jiggieled kawza li setghet iddum is-snin, kif fil-fatt ghamlet, ghaliex damet ghaxar snin. Finalment jigi rilevat ukoll li hemm kontradizzjoni anki bejn il-konvenut u martu dwar jekk il-magni staqsiet ghalihom Agata Tabone jew gewx offruti lilha mill-konvenut. Minhabba it-trapass taz-zmien il-perit legali ma tax konsiderazzjoni ghal din il-kontradizzjoni."

Ghalhekk jikkonkludi li t-talbiet attrici jimmeritaw li jigu milqugha.

Il-Qorti ezaminat bir-reqqa kollha dawn il-konsiderazzjonijiet kif ukoll ix-xiehda moghtija f'dawn il-proceduri u hija tal-fehma li l-perit legali ghamel analizi korretta ta' din ix-xiehda u ghalhekk taqbel mal-konkluzjonijiet minnu raggunti. Izzid tghid biss li, ghalkemm l-attrici kienet taf li wahda mill-magni kienet *potato peeler*, il-bejgh kien *quid unus*, cioe` kien bejgh wiehed taz-zewg magni flimkien, wahda tikkumplimenta l-ohra u ghalhekk m'hemm l-ebda dubju li x-xoljiment tal-kuntratt ta' bejgh jirrigwarda z-zewg magni flimkien.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi, prevja adozzjoni tar-rapport peritali, tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tichad wkoll il-kontro-talba tieghu, tilqa' t-talbiet attrici kif ukoll l-eccezzjonijiet ta' l-attrici ghall-kontro-talba, u ghalhekk:

(1) tiddikjara li l-magni mibjugha lill-attrici mhumiex tal-kwalita` pattwita,
(2) tiddikjara l-kuntratt ta' bejgh ta' dawn il-magni mahlul u, konsegwentement
(3) tikkundanna lill-konvenut jirrifondi lill-attrici s-somma ta' Lm100 mhalsa lilu akkont.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Onor. Imhallef
Dottor David Scicluna

D/Registratur